**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-------------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 22-2016**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Frar 2016, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.
Is-Sur Patrick Grima - Membru.
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-16 ta' Frar 2016.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. L-Indafa, manutenzjoni u *parking* fix-Xlendi.
3. Estimi Finanzjarji 2016.
4. Financial Statements 2015.
5. Xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi.
6. Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-membri.
10. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 21-2016.

**2.00 L-Indafa, manutenzjoni u *parking* fix-Xlendi.**

2.01 Il-manutenzjoni biż-żebgħa kienet bdiet. Din qed issir mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex u ż-żebgħa qed tinxtara mill-*budget* tal-Kumitat. Ser jinżebgħu r-*railings*, fanali u bankijiet. F'April 2016 ser issir iż-żabra tas-siġar tal-*Parking.*

## 3.00 Estimi Finanzjarji 2016.

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2016. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2016 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se tkun ta' €223,061 u minn din is-somma hemm €94,078 li hija allokazzjoni għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €3,000 li minnhom hemm €1,500 mix-Xlendi. Dħul mix-Xlendi ser ikun hemm €2,750 mill-kera tal-*kiosk*. Emolumenti Personali għas-sena sħiħa ser ikunu €81,040 li minnhom hemm €34,847 għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Qed isir estimu ta' €146,588 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €62,972 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi. Infiq Kapitali ser ikun hemm €500 apparat għall-Kunsill u €500 apparat għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

## 4.00 Financial Statements 2015.

4.01 Bħalma jsir kull sena f'dan iż-żmien iridu jsiru l-*Financial Statements* għas-sena li tkun għadha kemm għalqet u jiġu ppreparati skont l-International Financial Reporting Standards. Kopja tal-*Financial Statements* intbagħtu lill-Awdituri sabiex jinbeda l-proċess tal-verifika. Qed ikun ikkalkulat li s-*surplus* għas-sena 2015 ser ikun ta' €11,620.

## 5.00 Xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi.

5.01 Mill-i*statement of funds* tal-UIF, Ix-Xlendi għandu l-ammont ta' €71,566 sabiex isiru proġetti fix-Xlendi, Minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu €33,000 għall-għamara li diġà saret fix-Xlendi u €13,000 tal-kisi tal-passaġġ li għandu jibda dalwaqt. Ser jibqa' bilanċ ta' €25,566. Issa l-Kumitat irid jiddeċiedi jekk iżommx dan l-ammont sabiex jakkumula b'aktar fondi jew jagħmel proġett b'dan l-ammont.

## 6.00 Skema Inizjattivi Kulturali 2015-2018.

6.01 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li peress li l-Kumitat ma rċieva l-ebda risposta dwar l-attività *Ix-Xlendi Spring Festival*, ikun għaqli li din l-attività tiġi kkanċellata peress li ma baqax żmien biex isiru l-preparamenti. Kien hemm qbil dwar dan iżda irridu nistennew risposta mingħand id-Dipartiment,

## 7.00 Rapport tas-Sindku.

7.01 Is-Sindku infurmat lill-Kumitat li saret laqgħa mal-Ministru għal Għawdex sabiex jagħti l-għajnuna tiegħu biex jitwaqqa' *stop notice* fuq xogħlijiet li saru mis-sid preċedenti tat-Torri tax-Xlendi. Intalab ukoll għajnuna dwar ir-restawr tal-istess torri. Il-Ministru wiegħed li se joffri l-għajnuna tiegħu u ser jieħu ħsieb biex issir laqgħa mall-MEPA rigward ir-restawr.

7.02 Il-Kunsill talab laqgħa mal-UIF rigward il-finanzjament tal-għamara tat-triq li saret fix-Xlendi li ġiet tiswa €33,000. Din il-laqgħa tħassret minħabba li f'dik il-ġurnata kien ħafna maltemp. Il-laqgħa ser issir f' data li għada trid tigi deċiża.

7.03 Il-bankina ta' Triq iż-Żirżieb daqt titlesta u ser jinbeda l-manutenzjoni tat-toroq tax-Xlendi.

## 8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

8.01 Il-Kumitat irċieva *statement of funds* mingħand il-MEPA dwar il-fond tal-UIF. Xħin tnaqqas il-*commitments* ta' proġetti, jibqa' bilanċ ta' €25,566.

8.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qed ta' sikwit jikkuntatja lil Galea Curmi Engineering Consultants Ltd dwar il-lampi l-ġodda li se jitwaħħlu fix-Xlendi. Dawn ser ikunu ffinanzjati mill-EU.

8.03 Il-Kumitat irċieva invit għal *seminar* organizzat mill-MEUSAC li ser isir fid-9 ta' Marzu 2016, dwar informazzjoni ta' programmi ta' fondi mill-EU.

8.04 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand Transport Malta t'Għawdex rigward talba mingħand il-Gozo Taxi Association sabiex tmexxi t-*Taxi Stand* għal Triq ir-Rabat. Il-Kumitat ma jaqbilx ma' din il-proposta.

8.05 Il-Kumitat irċieva talba mingħand Transport Malta t'Għawdex rigward spostament ta' *Reserved Bay Loading/Unloading*. Il-Kumitat jaqbel iżda l-ħin irid ikun bejn it-8 ta' filgħodu u l-10 ta' filgħodu.

8.06 Il-Kumitat irċieva dokumentazzjoni dwar *encroachment* li ngħata lil Paradise Bar ta' Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Ix-Xlendi.

8.07 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand il-grupp 'Make Malta Dog Friendly'. Huma qed jikkuntatjaw lill-Kunsilli kollha sabiex jippromovu *dog parks* f'kull lokalità biex b'hekk jitnaqqas il-ħmieġ tal-klieb mit-toroq.

8.08 Il-Kumitat irċieva *write up* li ġiet ippubblikata fil-gozonews.com mingħand il-Gozo Grey Hounds Sports Club fejn qed ifaħħru l-azzjoni li ħa l-Kumitat billi ġabru mill-ewwel il-boroż taż-żibel li kienu nġabru f'waħda mill-attivitajiet tagħhom.

## 9.00 Mistoqsijiet mill-membri.

9.01 Iċ-*Chairperson* staqsa dwar il-ftehim mal-HSBC Bank Malta plc li kellu jiġi ffirmat rigward il-*kiosk* tax-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li l-HSBC Bank Malta plc talbu xi dokumentazzjoni li jridu jsiru mil-Lands Department u bħalissa l-Lands Department ma humiex jibagħtu risposti. L-HSBC Bank Malta plc għadu ma ħallasx il-kera bil-quddiem kif suppost li jagħmel iżda hemm konferma li l-kera se jitħallas hekk kif isir il-kuntratt, biż-żieda mwiegħda.

## 10.00 Materji oħra.

10.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 14 ta' April 2016, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***